# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2022/492

**tal-24 ta' Marzu 2022**

**li teleġġi l-President tal-Kunsill Ewropew**

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Lulju 2019, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1135 ([1]), is-Sur Charles MICHEL ġie elett President tal-Kunsill Ewropew għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-31 ta' Mejju 2022.

(2) F'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-persuna fil-kariga ta' President tal-Kunsill Ewropew tista' tiġi rieletta darba,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Charles MICHEL huwa b'dan rielett President tal-Kunsill Ewropew għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2022 sat-30 ta' Novembru 2024.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sur Charles MICHEL mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Marzu 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. MICHEL

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1135 tat-2 ta' Lulju 2019 li teleġġi l-President tal-Kunsill Ewropew (ĠU L 179 I, 3.7.2019, p. 1).